MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Mandat Numru. 1883/2014/1

**TF Services Ltd. (C-56390)**

vs

**Central Procurement & Supplies Unit**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors imressaq mill-kumpannija TF Services Ltd fil-25 ta' Novembru, 2014;

Rat it-Twegibiet rispettivi mressqin mill-intimati fl-4 ta’ Diċembru, 2014, u fil-5 ta’ Diċembru, 2014;

Ħadet qies tal-verbal magħmul mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-lum fejn joħrog li ma għadx hemm raġuni għalfejn jintalab il-ħruġ tal-Mandat;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati dwar il-kap tal-ispejjeż;

Tinnota li r-raġuni li minħabba fiha seħħ l-iżvilupp li dwaru sar il-verbal, tnisslet fil-mori ta’ din l-proċedura u kienet egħmil li sar min-nota tal-Unit intimat fl-ittri tagħha lir-rikorrenti tal-11 ta’ Diċembru, 2014;

Tiddeċiedi billi:

Tastjeni milli tqis aktar it-talba għall-ħrug tal-Mandat ladarba ma għadx hemm ħtiega għal dan;

Tħassar ‘contrario imperio’ id-degriet tagħha tal-25 ta’ Novembru, 2014, safejn it-talba għall-ħruġ tal-Mandat kienet intlaqgħet b’mod provvizorju; u

Tordna li s-Central Procurement & Supplies Unit intimat iħallas l-ispejjez ta’ din il-proċedura.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------